**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 07/21**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 23 ta' Awwissu 2021 |
| **Ħin:** | 5:44pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela- Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:28pm sa 8:22pm)
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier (Mis-6:08pm)
Stephanie Fenech - Kunsilliera (Mis-5:45pm)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **07.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **07.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **07.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **07.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **07.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **07.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **07.07** | ***Il-Financial Statements* u l-awditjar tal-Manuċċa;** |
| **07.08** | **Proġett tal-*Slow Streets*;** |
| **07.09** | **Misraħ is-Suq;** |
| **07.10** | **Tenders;** |
| **07.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **07.12** | **Mozzjonijiet; u** |
| **07.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**07. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa lill-Kunsill li Abela Amanda ma setatx tattendi għall-laqgħa. Imejl annessa | Segretarju Eżekuttiv |

**07. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 06/21 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 07. 2. 1 | 06.03.01 | Viċi-Sindku: Parkeġġ taħt l-art | Għandu jitniżżel li qed nirreferu speċifikament għall-parkeġġ ta' taħt is-suq. | Viċi-Sindku |
| 07. 2. 2 | 06.03.13 | Viċi-Sindku: Bust tas-Sur Attard | Kien hemm diskussjoni dwar il-post addatat dwar fejn għandhom isiru dawn. Wara li ttieħdet l-opinjoni tal-kunsilliera, kien hemm qbil li dawn m'għandhomx jittpoġġew fil-pjazza prinċipali. Dwar il-bust tas-Sur Attard kien hemm proposta li dan għandu jsir fi Triq Joe Attard qrib id-daħla tal-Iskola Primarja. Dwar dan ma kienx hemm deċiżjoni finali fejn dawn għandhom jitwaħħlu. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2. | 3 | 06.03.03 | Chircop: Olive Twist | Għandu jiżdied li dan il-monument ser ikun qed jikkomemora l-250 anniversarju minn meta ż-Żejtun sar belt. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

| **07.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 2 | 5 | 06.02.03 | Camilleri: *Revision Classes* | Camilleri qalet li dawn bdew tard minħabba li l-għalliema kienet indisposta u għal bidu saru żewġ lezzjonijiet sabiex iġibu l-lezzjonijiet li ntilfu. Qalet ukoll li kien hemm żewġ familji li dawn talbu rifużżjoni tal-flus. Dawn ser jingħataw lura. | Camilleri |
| 07. | 2 | 6 | 06.02.05 | Viċi-Sindku: Xrobb l-Għaġin | Il-Viċi-Sindku reġgħat staqsiet dwar dan. Is-Sindku wieġbet li sakemm ma tingħatax l-informazzjoni kollha, ma tistax tkellm lil W.S.C. | Viċi-Sindku |
| 07. | 2 | 7 | 06.02.07 | Sindku: Assoċċjazzjoni tan-Naħħala | Is-Sindku qalet li ktibnilhom lura fejn infurmajnihom li nteressati u tlabna għall-laqgħa sabiex nidentifikaw t-toroq li ser jitħallew bil-ħaxix selvaġġ. | Sindku |
| 07. | 2 | 8 | 06.02.08 | Chircop: *Tourist Guide Book* | Chircop qal li l-ktieb huwa lest sabiex jiġi printjat. | Chircop |
| 07. | 2 | 9 | 06.02.09 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li l-attivita' saret b'suċċess. Irċevejna ittra ta' ringrazzjament minn Dun Victor Grech.<br>Żied ukoll li r-rebbieħa fl-ewwel post tal-Konkorsi huma dawn li ġejjien:<br>1) Djalett: Fiona Vella<br>2) Malti Standard : Rita Saliba<br>3) Poeżija Adulti: Lina Bonnici<br>4) Poeżija Tfal: Grazielle Portelli | Chircop |
| 07. | 2 | 10 | 06.02.11 | Fenech: Proġett Capoeira | Fenech qalet li l-grupp ġew mill-Estonja u t-tieni fażi tal-proġett trid titkompla bl-attivitajiet f'Malta. F'Ottubru li ġej jingħalaq dan il-proġett bil-preżenza tal-parteċipanti minn kull pajjiż parteċipi. | Fenech |
| 07. | 2 | 11 | 06.03.02 | Viċi-Sindku: *Bye-law* tal-ħamiem | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk ġejniex mgħotija minn dan l-alf. S'issa dan għadu ma ġiex għandna. Rigward il-bye-law ingħatajna applikazzjoni li kellna nċemplu d-dipartiment għall-għajnuna dwarha għax wisq ikkomplikata. Fenech tkellmet mas-Sur Fava pero għadna qed nistennew. Is-Sindku żieded li din il-problema qed tiggrava u rridu mexxu malajr kemm jista' jkun fuqha. | Fenech / Sindku |
| 07. | 2 | 12 | 06.03.04 | Viċi-Sindku: Triq il-President Anton Buttiġieġ | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-linji sofor quddiem il-garaxxijiet ma sarux u qed ikun hemm problema ta' parkeġġ. Baldacchino qal li tfassal programm mal-Koptasin sabiex kull l-ewwel tnejn tax-xahar ikun iddedikat għaż-Żejtun u jsir dan ix-xogħol meħtieġ. | Baldacchino |
| 07. | 2 | 13 | 06.03.05 | Fenech: *Mobile Vaccine Unit* | Fenech qalet li dan ġie u kien hemm konkorrenza tajba ħafna. Ma nafux jekk dan hux ser jerġa jiġi fil-lokalita' tagħna 'l quddiem. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2 | 14 | 06.03.07 | Sindku: Fondi mill-ERA | Is-Sinku qalet li kellha laqgħa mal-Perit Carmel Mifsud Borg sabiex jispjegalna eżatt x'hemm taħt il-bankina minħabba l-*Water Storm System.* Hemm il-ħsieb li Triq Toni Zahra tiġi ring road ma' Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok fejn ikun hemm aċċess għal mixi u rota. | Sindku |
| 07. | 2 | 15 | 06.03.11 | Fenech: Wifi4EU | Fenech qalet li dan il-proġett huwa ikkumplikat iktar milli ħsibna peress li qed isir huwa li qed iżidu l-wifi spots ma' interenet eżistenti. Bħalissa qed nagħżlu l-postijiet li huma vijabbli u naraw l-ispiża ta' dan kemm ser tkun. | Fenech |
| 07. | 2 | 16 | 06.03.12 | Fenech: *European Mobility Week* | Fenech qalet li applikajna għall-fondi fuq żewġ inizjattivi. Waħda li ser tkun tinkludi car free b'attivitajiet bejn is-16 u t-23 ta' Settembru u l-oħra għall-miżura permanenti fejn jekk nintgħażlu nixtru van elettriku li jkun jista' joffri servizz ta' vjaġġar fil-lokalita għall-komunita' | Fenech |
| 07. | 2 | 17 | 06.03.13 | Sindku: Bust tas-Sur Godfrey Grima u s-Sur Attard | Kien hemm qbil ma' min ippropona dan il-bust li dan għandu jitpoġġa fi Gnien il-Ġemellaġġi. Rigward tas-Sur Attard kien hemm proposta li dan għandu jitpoġġa f'Misraħ Sant'Anġlu. Ser issir laqgħa mal-Gal Xlokk dwar din il-proposta. | Sindku |
| 07. | 2 | 18 | 06.05.02 | Viċi-Sindku: Żbir ta' siġra | Staqsiet meta ser isir ix-xogħol. Is-Sindku talbet li din titniżżel max-xogħol li hemm pjanat mill-kuntrattur. | Baldacchino |
| 07. | 2 | 19 | 06.05.03 | Fenech: *Bicycle Racks* | Fenech qalet li dawn ser jitwaħħlu dalwaqt. | Fenech |
| 07. | 2 | 20 | 06.06.02 | Fenech: *Digital Youth Exchange Project* f'Sardinja | Fenech qalet li d-delegazzjoni telgħat u kienet esperjenza sabiħa ħafna. | Fenech |

**07 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/21. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 1 | | Sindku: Laqgħa mar-Reġjun Xlokk | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mar-Reġjun. Tawna l-maskri sabiex jitqassmu lil-istudenti tal-Skola Primarja A u B u l-istaff hekk kif tidħol l-iskola. Kien hemm talba li l-isem tar-Reġjun ma jinbidilx li din aċċettatha. Qalulna wkoll li x-xelters tal-qtates ordnati u ser jitqassmu dalwaqt. | Sindku |
| 07 | 3 | 2 | | Sindku: Laqgħa mal-Gal Xlokk | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-Gal Xlokk u diskutew l-proposti ġodda. | Sindku |
| 07 | 3 | 3 | | Sindku: Is-Suq | Is-Sindku qalet li fit-12 t'Awwissu kellha laqgħa flimkien mal-W.S.C. u TM dwar xogħlijiet li qed isiru bħalissa fi Triq Tursin il-Bir u Connaught fejn qed jinbidlu l-mejnijiet tal-ilma u drenaġġ. Fit-30 t'Awwissu hemm il-ħsieb li jibdew Triq Beland u Triq Santa Fawstina. Kif jitlestew jingħataw wiċċ ġdid ta' tarmak. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 4 | | Sindku: Applikazzjoni SPI13 | Is-Sindku qalet li applikajna għall-din l-iskema li ġiet aċċettata. Il-Kunsill ser ikun qed jibbenifika minn €83,688 fondi li permezz tagħhom ser jinbidel il-pavimentar ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Sindku |
| 07 | 3 | 5 | | Sindku: Ħajt taċ-Ċimiterju | Is-Sindku qalet li kienet preżenti fil-preżenza għall-ifirmar tal-*Memorandum of Understanding* bejn l-arċipriet Dun Nikol Pace għall-Parroċċa u l-Onor. Ministru Ian Borg għad-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex jiġi mibdul il-ħajt taċ-ċimiterju taż-Żejtun li ser jiswa mat-€80,000. Preżenti kien hemm ukoll l-Onor Silvio Grixti li ħadem sabiex intlaħaq dal-ftehim. | Sindku |
| 07 | 3 | 6 | 01 | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li l-M.I.T.A ġew u għamlu l-formatting tal-kompjuters kollha tal-Kunsill sabiex dawn jiġu mqabbda mas-sistema kompletament tal-MITA. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 3 | 7 | 05 | LCA: Illum ma' Steph | Ma kinx hemm qbil ma din il-proposta peres li hemm ħlas biex nipparteċipaw. | |
| 07 | 3 | 8 | | Qtugħ tal-Qoton | Kellna proposta minn Wirt iż-Żejtun sabiex jinqata' l-qoton, ż-żerrigħa titqiegħed f'pakketti u titqassam lir-residenti. Din l-inizjattiva ser jieħu ħsiebha l-Kunsillier Caruana Roderick. | Caruana Roderick |
| 07 | 3 | 9 | 18 | Citadel Insurance: Talba għall-ħlas | Wara diskussjoni il-Kunsill reġa ma qabilx dwar dan għax huwa impossibli li ġo ħofra tkisser erbgħa tires u rimijiet. | |
| 07 | 3 | 10 | | Sindku: Ġibjun fi Triq Xrobb l-Għaġin, Sqaq Nru 8 | Is-Sindku qalet li kellna proposta min-*National Flood Relief Project* sabiex jiġi rranġat maġenb il-ġibjun, billi ssir il-kurduna u jitwaħħlu ftit bankijiet u jitħawwlu ftit siġar. L-ispiża għal dan li qed tintgħalab hi ta' €2657 biex tkopri x-xogħol tal-ħaddiema. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Sindku |
| 07 | 3 | 11 | | Sindku: *Microwave u Airconditioner* | Ġew ippreżentati ritratti tal-microwave u airconditioner li ser jintremew peress li m'għadhomx jaħdmu u inxtraw tnejn ġodda minflokhom. | Sindku |
| 07 | 3 | 12 | | Sindku: Stediniet | Kellna żewġ stediniet għall-ewwel quddiesa ta' żewġ qassisin dik ta' Fr Roderick Baldacchino fid-29 ta' Awwissu u Jean Claude Schembri li ser isir fis-7 ta' Settembru. | Sindku |
| **07.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 4 | 1 | | Chircop: Bye-law tal-ħamiem | Chircop staqsa fiex wasalna. Is-Sindku qalet li d-dipartiment talabna sabiex nimlew formula ġdida dwar dan. Caruana Ray qali li l-lokalita' tal-Mdina qed jeħilsu mill-ħamiem u ser niċċekjaw magħhom, il-proċess li qed jimxu bih. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. | 4 | 2 | | Chircop: Linji sofor tal-pjazza | Chircop qal li hemm bżonn refreshing tal-linji peress li dawn is-soltu kienu jsiru fi żmien il-festa. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 4 | 3 | | Chircop: Żvilupp | Chircop qal li wara laqgħa li kellhom mal-PA fejn talbu li Villa Bonici tkun skedata għal Grad 1, din it-talba ġiet milqugħa u twaħħlu karti dwar dan. Kien hemm talba wkoll li ġiet milqugħa sabiex il-Palazz Aedes Danielis jiġi skedat għal Grad 1 u ma jsir l-ebda żvilupp fih. Qal ukoll li żvilupp fi Triq it-Tempju ġie irtirat ukoll. | Chircop |
| **07.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 5 | 1 | | Viċi-Sindku: *Manuċċa Child Day Care Centre* - tindif | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li hemm ħmieġ li qed jinġemma sabiex jitnaddaf malajr kemm jista' jkun. | Sindku |
| 7 | 5 | 2 | | Camilleri: Kaxxa Safra | Camilleri qalet li hemm kaxxa safra fi Triq l-Iskola li m'għadiex tintuża u għandha tinżebah bajda. | Sindku |
| 7 | 5 | 3 | | Caruana Ray | Caruana qal li hemm bżonn jiżdiedu l-kameras sabiex il-parkeġġ fejn il-Churcill Butcher u Misraħ ir-Repubblika jiġi kontrollat. Qal ukoll li hemm bżonn li jitwaħħlu kameras f'żoni fejn qed jintrema ħafna skart. Talab ukoll sabiex jiġu mneħħija l-fanali li tkissru fi Vjal il-25 ta' Novembru. Is-Sindku qalet li l-ewwel għandha tinġieb stima għall-fanali ġodda qabel inneħħu l-fanali li qed jixgħelu. | Sindku |
| 7 | 5 | 4 | | Viċi-Sindku: Boroż ħodor | Il-Viċi-Sindku qalet li dawn tqassmu. Ser issir talba lil GreenPak sabiex dawn jibdew jitqassmu fix-xhur ta' Marzu u Ottubru. | Viċi-Sindku |
| 7 | 5 | 5 | | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku qalet li ser terġa ssir il-kompetizzjoni tat-tisjir u t-tfal ser jagħmlu tpinġijiet minn materjal riċiklat. | Viċi-Sindku |
| 7 | 5 | 6 | | Chircop: Sottomissjonijiet | Chircop qal li qed jintlaqgħu sottomissjonijiet ta' kitbiet bi djalett żejtuni. Dawn il-kitbiet ser jiġu ppublikati fi ktieb b'kollaborazzjoni mal-M.U.Y.A. | Chircop |
| **07.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 6. | 1 | | Fenech: Għoti tad-demm | Fenech qalet li kien hemm 30 persuna li taw id-demm. Kien ukoll studenti mill-M.H.S.A. Fejn offrew servizz b'xejn sabiex wieħed jiċċekja l-livell ta' żokkor fid-demm u pressjoni. Ser tkun qed tiċċekja wkoll dwar it-tilqima tal-influwenza kif ser taħdem dis-sena. | Fenech |
| **07.** | **7.** | | | **Il-Financial Statements u l-awditjar tal-Manuċċa;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07 | 7 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Financial Statements tal-Manuċċa *Child Day Care Centre* fejn qal li minkejja d-difikultajiet u żmien magħluqa s-sena l-oħra xorta ħallew surplus ta' €4,000. Irringrazzja lill-Bord u l-ħaddiema għal ħidma tagħhom. | Segretarju Eżekuttiv |
| **07.** | **8.** | | | **Proġett tal-Slow Streets;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. 8. | 1 | | Sindku: Proġett ta' *Slow Streets* | Is-Sindku qalet li bħalissa *Slow Streets* qed nissemma ħafna fil-midja. Bħala Kunsill ħadna nteress qawwi dwar dan permezz ta' diversi attivitajiet. Sar studju minn Tom Van Malderen dwar 26 żona fejn jistgħu isiru dawn l-interventi. Kellna laqgħa ma' QP Malta dwar sinjali u tabelli. Ġejna avviċinati mill-president tal-AKL sabiex napplikaw u ġew approvati il-fondi ta' €30,000 sabiex issir APP fejn ir-residenti jistgħu jgħaddu suġerimenti dwar kif għandhom jingħalqu dawn iż-żoni. | Sindku |
| **07. 9.** | | | **Misraħ is-Suq;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 9. | 1 | | Sindku: Misraħ is-Suq | Is-Sindku qalet li wara diversi talbiet li għamlet biex tittranġa l-art tas-suq, kellha laqgħa mal-perit ta' I.M. fuq il-post sabiex jiġi evalwat x'hemm bżonn isir. Is-Survey għall-parkeġġ taħt l-art li kellu jsir mill-Kunsill Konsultattiv tas-South u għaldaqstant talbet li dan isir ukoll minn I.M. għadu ma sarx. Tkellimna wkoll mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet dwar l-istat tal-latrini, fejn ġew jaraw u qablu li dawn iridu jiġu rranġati pero s'issa għad m'għandniex konferma dwar dan. Sadanittant il-ħsieb li dan il-post jiġi żviluppat f'parkeġġ taħt l-art jibqa' validu sakemm insibu l-għajnuna meħtieġa biex jitwettaq proġett ta' dan il-kobor. | Sindku |
| **07. 10.** | | | **Tenders;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 10. | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt tat-toroq ingħata lil Silvar Constructions Ltd wara li saret l-evalwazzjoni. Il-Kuntratt tal-Bulky Refuse qed jiġi aġġudikat u qed isir ix-xogħol amministrattiv fuqu. Dak tal-perizja kien hemm żball amministrattiv u wara li ċċekjajna mad-dipartiment kien hemm qbil li dan għandu jitwaqqa' u jerġa jinħareġ mill-ġdid peress li ġie mħolli barra stimi għal meta jkollna restawr. Min għada ser jinħareġ it-tender tal-knis ta' toroq li jagħlaq fis-23 ta' Settembru. | Segretarju Eżekuttiv |
| **07. 11.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/21 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 07/21 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. 11. | 3 | | *Petty Cash* - Lulju 2021 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €143.19 | Segretarju Eżekuttiv |
| **07 12** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. | 12 1 | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |
| **07** | **13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-20.30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 23 ta' Settembru 2021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-5.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |